# Il-Belt tal-Isla fi Żmien il-Pesta tal-1813 u l-Istatwa tal-Madonna tan-Nofs

Joseph Haber



Fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina, li se tkun iċċelebrata f'beltna nhar it-8 ta' Settembru, u b'mod speċjali din is-sena, f'għeluq it-tieni ċentinarju minn meta Malta nħakmet minn pesta qerrieda fl-1813, xtaqt naqsam magħkom din il-ġrajja storika li seħħet proprju f'din il-belt tal-Isla matul dik is-sena.

Kif hemm imniżżel fil-kotba tal-istorja ta' Malta, f'Mejju tal-1813, pesta qalila ħakmet lil pajjiżna u ħalliet ħerba kbira kważi f'kull belt u raħal fuq din il-gżira. Tant hu hekk li minn popolazzjoni li f'dik is-sena kienet tlaħħaq mal-100,000 ruħ, kienu mietu 4,572 persuna. Fl-Isla u fl-ibliet l-oħra ta' madwar il-port, kienu ttieħdu bosta prekawzjonijiet u miżuri iebsa biex jilqgħu għal din il-marda qerrieda, l-aktar peress li bħala bliet marittimi, kellhom riskju ta' kontaminazzjoni ferm akbar minn inħawi oħra f'pajjiżna, minħabba l-kuntatt regolari li kellhom mal-bċejjeċ tal-baħar li kienu deħlin u ħergin fil-portijiet tagħna, u l-frustieri li kienu jiġu magħhom.

Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Sir Thomas Maitland, kien ħaseb biex jittieħdu miżuri ferm iebsa ħalli jkun evitat li l-marda tkompli tinfirex. Fost ħafna liġijiet oħra, huwa kien ordna li l-ebda annimali domestiċi bħal klieb u qtates, ma setgħu jitħallew jiġġerrew fit-toroq, u t-tajr domestiku kollu bħall-għasafar, ħamiem u tjur oħra, kellu jinżamm magħluq fil-gaġeġ tiegħu. Kien ordnat ukoll li l-ħwienet kollha, speċjalment dawk tal-merċa, kellhom jagħlqu wara l-10.00 ta' filgħodu. Il-Gvernatur ordna wkoll li tingħata l-piena tal-mewt lil kull min kien jaħbi li kien infettat, jew kien jaf b'xi ħadd infettat bil-pesta u ma jirrapportax. Infatti jissemmew każi bħal ta' Toni Borg, li kien iffuċillat il-Belt Valletta fis-17 ta' Awwissu 1813 talli ma qalx li kien infettat bil-pesta. Każ ieħor kien ta' Ġużeppi Said li kien maqtul mill-pulizija fit-13 ta' Marzu 1814, għax ħareġ barra mir-residenza tiegħu meta kien jaf li ma setax jagħmel dan peress li kien infettat bil-marda.

L-Arċisqof tad-Djoċesi ta' Malta, is-Senglean Ferdinandu Mattei, kien ħareġ ukoll l-ordnijiet tad-Djoċesi, biex il-Knisja flimkien mal-awtoritajiet ċivili tgħin ħalli l-marda tal-pesta ma tkomplix tinfirex. Huwa kien ordna biex proprju mid-9 ta' Mejju tas-sena 1813, ix-xahar li fih faqqgħet il-pesta, jingħalqu l-knejjes kollha ta' Malta, u ma jsiru l-ebda funzjonijiet reliġjużi. Twaqqfu wkoll il-purċissjonijiet u l-festi esterni. Dan sar biex ikun evitat li jkun hemm taħlit u tixrid tal-mard minn persuna għall-oħra. Twaqqaf ukoll id-dfin fil-knejjes, ħlief għal eċċezzjonijiet rari u bil-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Is-Sengleani wlied din il-belt tal-Madonna, bħalma jagħmlu dejjem fi żmimijiet diffiċli, dawru għajnejhom lejn Sidna Ġesù Redentur u Ommna Marija Bambina, u talbuhom bil-ħeġġa u l-ħniena kollha biex jeħilsu lil din il-belt u l-familji tagħhom mill-flaġell tal-pesta. Mhux biss, iżda skont stqarrija bil-miktub tal-Arċipriet innifsu, Dun Vinċenz Cachia, li tinsab fl-arkivji tal-parroċċa, nhar it-8 ta' Awwissu tal-1813, fil-5.00 p.m., inġabru fil-Kolleġġjata tal-Isla l-Kapitlu, il-kleru, is-segretarji u l-prefetti tal-fratellanzi kollha tal-Isla, kif ukoll persuni distinti oħra. Dawn għamlu ħin ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat u wara saru kelmtejn mill-istess Arċipriet Cachia, fejn ħeġġiġhom għat-talb u l-penitenza. Wara saru bosta wegħdiet lil Ommna Marija Bambina, lil Ġesù Redentur u lil Santu Rokku, flimkien ma' qaddisin oħra, li l-Kapitlu flimkien mal-poplu ntrabat li jwettaq, jekk l-Isla tkun meħlusa mill-pesta.

Ta' min jgħid li proprju f'dik l-istess sena, l-1813, saret statwa ġdida ta' Santu Rokku, il-protettur tal-impestati, għall-Kolleġġjata tal-Isla. Din inħadmet mill-istatwarju Senglean Karlu Duranti. Din l-istatwa għadna nistgħu ngawduha sal-lum, meta tkun armata fil-Bażilika tagħna fil-festa tal-qaddis li tkun iċċelebrata fis-16 ta' Awwissu. Kif diġà għidt, il-wegħdiet kollha li

saru kellhom jitwettqu mill-Kapitlu u l-poplu Senglean jekk l-Isla ma tintmessx minn din il-marda qerrieda... Fix-xhur li pajjiżna kien maħkum minn din il-pesta, tista' tgħid li ntlaqtu bosta mill-ibliet u l-irħula ta' Malta, anke fl-istess Kottonera, kemm Bormla kif ukoll il-Birgu kellhom il-vittmi tagħhom. Però skont kif insibu miktub f'diversi kotba storiċi, fl-Isla din il-pesta baqgħet ma daħlitx. Mhux biss ma miet ħadd, iżda lanqas kien hemm persuna Sengleana waħda li ċċappset b'din il-marda. Tant hu hekk li anke fir-reġistru tal-mejtin tal-parroċċa tal-Isla tal-1813, hemm kontinwament imniżżlin il-kelmiet, wara kull ċertifikat tal-mewt, li l-persuna kkonċernata ma kinitx mietet kawża tal-pesta. F'dik is-sena, l-1813, fil-parroċċa tal-Isla mietu 120 persuna, iżda r-reġistru tal-mejtin tal-parroċċa jagħmilha ċara li ħadd minn dawn ma miet bil-pesta. Dwar l-imwiet li kellna fl-Isla bejn ix-xahar ta' Mejju u l-aħħar tas-sena 1813 insibu kitba li tikkonferma din il-ġrajja.

F'Mejju kienet mietet Fortunata Busuttil, tarbija ta' sentejn u tliet xhur u dwarha nsibu miktub: "Mietet Fortunata Busuttil ta' sentejn u tliet xhur, u ndifnet fil-knisja, għax mir-relazzjoni tat-tobba, nafu li ma kellha l-ebda sinjal tal-pesta." Imbagħad fl-aħħar tas-sena 1813 reġa' nkiteb:

"Fis-sena 1813 li spiċċat, f'din il-parroċċa tal-belt tal-Isla mietu 120 ruħ. Imma ħadd minnhom ma miet bil-pesta, bil-ħarsien tal-Verġni Marija, li t-twelid tagħha f'din il-belt huwa meqjum b'qima speċjali."

Meta ra hekk, il-poplu Senglean emmen li għal darba oħra l-Madonna u r-Redentur kienu semgħu t-talb tagħhom u qalgħulhom din il-grazzja hekk mixtieqa. Għalhekk fit-30 ta' Jannar tal-1814, meta l-pesta ma kenitx għadha taħsad aktar vittmi u kienet taffiet ħafna mill-qilla tagħha, il-poplu Senglean inġabar fil-Kolleġġjata tal-Isla, fejn b'ħerqa u devozzjoni kbira rringrazzjaw lir-Redentur u l-Bambina talli nstema' t-talb tagħhom. Il-Kapitlu f'isem il-poplu Senglean talab lill-Arċisqof Mattei, biex jagħtihom il-permess meħtieġ ħalli jkunu jistgħu jwettqu l-wegħdiet li kienu għamlu f'Awwissu tal-1813.

Fil-fatt fl-4 ta' Mejju, l-Arċisqof ta l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' dawn il-wegħdiet, iżda kiteb ukoll li kellu jingħad ir-Rużarju f'dak kollu li kien marbut mal-wegħdiet magħmula.

Fit-13 ta' Mejju, l-Arċipriet Cachia avża l-Kapitlu u l-kleru, flimkien mal-fratellanzi u l-poplu, li jumejn wara kellha tkun osservata l-ewwel wegħda, jiġifieri pelleggrinaġġ mill-Kolleġġjata tal-Isla għall-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu. L-Arċipriet innifsu kiteb fid-dettall l-andament ta' dan il-pellegrinaġġ.

Huwa kiteb hekk: "... proprju fil-15 ta' Mejju tal-1814, wara li tkanta l-għasar, bdiet il-purċissjoni. Fuq quddiem nett imxew is-subien tal-Kongregazzjoni Nisranija. Warajhom imxew il-fratelli tal-Oratorju tal-Penitenza, wara dawn inġarret l-istatwa li kienet għadha kif saret ta' Santu Rokku. Madwar din l-istatwa mxew diversi persuni magħrufa tal-Kunsill popolari, lkoll bit-torċi mixgħula f'idejhom. Wara l-istatwa akkumpanjaw il-fratellanzi tal-Kurċifiss, San Dimitri, San Ġużepp, l-għaqda kontra d-dagħaj (din l-għaqda fil-futur kellha ssir il-Fratellanza tal-Katina), tat-Trinità u tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-fratellanza ġarret l-istatwa ta' Marija Bambina, li sa dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ l-istatwa tal-Kunċiżżjoni l-qadima, peress li ftit qabel, fl-1804, kienet saret statwa ġdida tal-Kunċizzjoni mill-istatwarju magħruf Mariano Gerada għall-istess fratellanza. Madwar il-Bambina mxew ukoll xi fratelli bit-torċi mixgħula f'idejhom. Fl-aħħar imxew l-eqdem żewġ fratellanzi tal-Isla, dik tar-Rużarju u tas-Sagrament. Wara dawn inġarret l-istatwa devota tar-Redentur b'xi fratelli tal-Kurċifiss bit-torċi madwarha. Fl-aħħar mexa s-Salib tal-Kleru bejn żewg akkolti akkumpanjati minn kjerċi, qassisin u kanonċi. L-Arċipriet Cachia mexxa l-purċissjoni assistit minn djaknu u suddjaknu. Wara din il-purċissjoni mexa l-poplu, l-irġiel separati minn nisa kif kienet l-użanza f'dak iż-żmien. Matul it-triq, kulħadd kien qed jgħid ir-Rużarju, eżattament kif xtaq l-Arċisqof Mattei. Kif waslu fil-Knisja tal-Lunzjata, tkantaw xi preċi Liturġiċi, u l-Kanonku Dun Pietru Said, predikatur magħruf ħafna f'dak iż-żmien, fakkar lill-poplu kemm kellu għax jirringrazzja lil Alla tal-grazzja kbira li kien qala'. Wara li ngħatat il-Barka Sagramentali, il-purċissjoni reġgħet lura lejn l-Isla bl-istess ordni li kienet telqet biha. Matul il-pellegrinaġġ, il-qniepen tal-knejjes fil-Kottonera daqqew mota ta' ferħ. Malli l-pellegrinaġġ wasal lura fil-Kolleġġjata tal-Isla, tkantat l-Antifona 'Regina Coeli Laetare' (Ifraħ Reġina tas-Sema), u lkoll flimkien talbu għal tliet darbiet b'leħen għoli lil Alla biex jibqa' jħenn għalihom..."

Kif għidt qabel, dan ir-rakkont inkiteb daqshekk fid-dettall mill-Arċipriet Cachia nnifsu, għax hu ried li jibqa' mfakkar u magħruf sewwa, dak kollu li kien seħħ matul dan il-pellegrinaġġ.



**L-istatwa tal-Madonna tan-Nofs fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.**

Fl-1814, saret ukoll statwa tal-irħam, li tirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin fi ħdanha, għand l-iskultur Vincenzo Dimech, u din tħallset mis-Senglean Salvatore Debarro. Fl-1816, din l-istatwa tqiegħdet eżattament



L-istatwa ta' Santu Rokku maħduma minn Karlu Duranti fl-1813.



L-istatwa tal-Bambina li fl-1814 kienet għadha tissejjaħ "Tal-Kunċizzjoni l-qadima".



L-istatwa mirakoluża ta' Ġesù Redentur li tinsab fl-Oratorju tal-Kurċifiss fil-Bażilika tal-Isla li għandha mat-300 sena (1714).

fin-nofs ta' Triq il-Vitorja, kantuniera ma' Triq San Ġiljan, tħares lejn il-Knisja tal-Porto Salvo. Kien proprju minħabba l-pożizzjoni ċentrali li tpoġġiet fiha, li n-nies ta' din il-belt bdew isejħulha bħala l-Madonna tan-Nofs, u hekk għadha magħrufa sal-lum. Mal-kolonna ta' din l-istatwa, kien hemm skrizzjoni miktuba bil-Latin mill-Arċipriet Cachia nnifsu, u li ġiet maqluba għall-Malti, u tinqara proprju b'dawn il-kelmiet:

**"Lill-Verġni Omm Alla, fi twelidha magħżula minn missirijietna,
B'qima liema bħalha, taħt it-titlu tal-Vitorja,
Patruna ta' din il-belt,
Iċ-ċittadini tal-Isla, b'xhieda dejjiema ta' radd il-ħajr,
Għall-ħelsien sħiħ mill-flaġell tal-pesta, li fileġ lill-gżira ta' Malta fis-sena 1813,
Bil-ħarsien tal-Verġni Mqaddsa, joffru jiddedikaw u jbierku għall-ġieħ ta' Omm Alla,
li ħarsithom, din ix-xbieha artistika mħallsa miċ-ċittadin Senglean Salvatore Debarro,
B'konċessjoni tal-gvern mogħtija b'degriet maħruġ fis-17 ta' Lulju 1814."**



Ritratti li juru l-istatwa waqt ix-xogħol ta' restawr li sar fuqha; fejn fl-ewwel ritratt jidhru l-Madonna u l-Bambin għadhom fil-bidu tal-proċess ta' tindif, filwaqt li fl-ieħor tidher il-libsa tal-Madonna mnaddfa.

Ta' min isemmi li fl-aħħar gwerra dinjija, tista' tgħid li l-Isla kienet meqruda kważi għal kollox mill-attakki tal-qawwa tal-ajru Ġermaniża. Iżda għalkemm fi Triq il-Vitorja l-bini kollu madwar din l-istatwa sar ħerba sħiħa, dan il-monument tal-pesta baqa' bla mittiefes, u din l-istatwa tal-Madonna ma ġratilha l-ebda ħsara. F'nofs is-snin ħamsin, fl-1956, inħasset il-ħtieġa li din l-istatwa titneħħa minn fejn kienet, biex tagħmel aktar wisgħa għat-traffiku li kull ma jmur kien qiegħed dejjem jiżdied, u tpoġġiet f'nofs Pjazza l-4 ta' Settembru. Iżda għal xi raġuni, meta din l-istatwa tneħħiet minn fejn kienet, saritilha kolonna ġdida tal-ġebel, minflok kienet restawrata l-kolonna oriġinali tagħha. Agħar minn hekk, tneħħa darba għal dejjem dak il-pedestall tant sabiħ li kien hemm proprju taħt l-istatwa. Illum il-ġurnata din l-istatwa qiegħda tistrieħ fuq kolonna sempliċi, nieqsa minn kull valur artistiku li kellha l-kolonna oriġinali, li b'radd il-ħajr lejn Ommna Marija Santissima kienu bnew l-antenati tagħna fl-1816.

Iżda f'Marzu ta' din is-sena, proprju f'għeluq il-mitejn sena mill-eżistenza ta' din l-istatwa, grazzi għall-kunsill

lokali tagħna, inbeda xogħol ta' tindif u restawr estensiv fuq din l-istatwa monumentali li għandna fi Pjazza l-4 ta' Settembru, u ngħatat l-attenzjoni meħtieġa li dejjem kien jixraq li jkollha din l-istatwa, biex tingħata lura dak il-ġmiel oriġinali li kien sawwarha bih l-iskultur Vincenzo Dimech fl-1816. Din l-istatwa kienet skurat ħafna kemm minħabba l-ħmieġ li akkumula fuqha matul is-snin mid-dħaħen tal-karozzi u minn dawk id-dħaħen tossiċi li għal snin twal aħna s-Sengleani ilna nibilgħu fina minħabba t-tarzna, kif ukoll minn elementi oħra naturali. Kaġun ta' dan, l-istatwa tal-Madonna kellha bosta bnadi minnha mtebbgħin bi tbajja' skuri u suwed li kienu jagħtuha dehra kerha ta' telqa u abbandun. Barra minn hekk, il-Madonna kellha wkoll il-pala ta' idha l-leminija mibdula f'waħda b'materjal inferjuri għal kollox mill-irħam, u msewwija minn xi dilettanti, wara li din kienet milquta ħafna snin ilu, x'aktarx meta nqgħalet mill-post oriġinali tagħha fl-1956.

Ta' min isemmi wkoll li biż-żmien kienu ttieklu għalkollox is-swaba' tal-id il-leminija tal-Bambin. Illum grazzi għal dan ir-restawr u l-ftehim li sar, l-istatwa se jkollha mill-ġdid kemm il-pala ta' id il-Madonna u anke s-swaba' tal-Bambin maħduma mill-ġdid, iżda din id-darba fl-irħam b'mod professjonali. Sar ukoll restawr estensiv fuq il-kolonna li fuqha hemm din l-istatwa, u tnaddfet u kienet restawrata wkoll l-irħama kommemorattiva li hemm imwaħħla fil-faċċata ta' din il-kolonna. Sar ukoll xogħol fil-pavimentar u fuq l-erba' kolonni ta' madwar il-kolonna. Erġajna rranġajna d-dawl li ftit tas-snin ilu konna għamilna mill-ġdid bil-għajnuna tas-Sur Tony Baldacchino u s-Sur Toni Farrugia. Kif kien inbeda x-xogħol fuq l-istatwa, kont avviċinajt lill-proprjetarji tal-ħwienet ta' madwar il-pjazza u staqsejthom jekk jixtiqux li jsiru mill-ġdid u fuq l-istess disinn oriġinali, l-istellarju tal-Madonna u d-dijadema tal-Bambin, b'materjal aktar reżistenti u isbaħ minn dawk li kellha s'issa, u l-ispiża titħallas mill-propjetarji tal-ħwienet stess.

F'dawn ir-ritratti jidher ċar it-tniġġiż li kellha fuqha l-istatwa. Jidhru ċari id il-Bambin mingħajr is-swaba', li tmermru matul is-snin, kif ukoll il-pala ta' id il-Madonna magħmula mis-siment u materjal ieħor inferjuri mill-irħam. Bħala parti mill-proġett ta' restawr, dawn għandhom isiru mill-ġdid b'mod professjonali, u se jkunu maħduma fl-irħam.

Din il-proposta ntlaqet mill-ewwel, u f'anqas minn xahar kellna l-istellarju u r-raġġiera tal-Bambin lesti wkoll. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja pubblikament lil dawn il-persuni li aċċettaw li jħallsu din l-ispiża. Dawn kienu: Paulette Grillo, Gertrude Galea, Stephen Buttigieg CFC, Joyce Abela Grillo, Tony Farrugia, Nadia Caruana, Mary Haber, Soċ. Fil. La Vincitrice u Senglea Athletics F.C. Ta' dan il-ġest sabiħ nixtieq ngħidilhom prosit minn qiegħ qalbi.



F'dawn ir-ritratti jidher ċar it-tniġġiż li kellha fuqha l-istatwa. Jidhru ċari id il-Bambin mingħajr is-swaba, li tmermru matul is-snin, kif ukoll il-pala ta' id il-Madonna magħmula mis-siment u materjal ieħor inferjuri mill-irħam. Bħala parti mill-proġett ta' restawr, dawn għandhom isiru mill-ġdid b'mod professjonali u ser ikunu maħduma fl-irħam.



L-istellarju u r-raġġiera li saru ġodda għall-istatwa tal-Madonna tan-Nofs.

Għat-twettiq ta' dan il-proġett ta' restawr tant meħtieġ li sar fuq din l-istatwa, kif ukoll restawr ieħor li se jsir fuq statwi antiki oħra li nsibu jsebbħu l-kantunieri tat-toroq tagħna, bħal dawk ta' San Pietru u San Pawl, ma nistax ma nfaħħarx u ngħti l-prosit tassew misthoqqa lis-sindku żagħżugħ tal-Isla, is-Sur Justin Camilleri u

l-kunsilliera ħabrieka li għandu jgħinuh, biex iwettaq il-proġetti li qegħdin isiru f'beltna.

Nixtieq nagħlaq dan it-tagħrif dwar din l-istawa, billi f'isem dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-wirt storiku li nsibu f'din beltna, inħeġġeġ biex inkunu aħna ċ-ċittadini Sengleani stess, li nħarsu u niddefendu b'kull mezz dak kollu li huwa storiku, li b'tant sagrifiċċji u mħabba lejn beltna, marru jagħtuna l-għeżież missirijietna mal-milja taż-żmien.

**Il-festa t-tajba lis-Sengleani kollha,**
**ulied din il-Belt ta' Marija Bambina.**

**Referenzi**
L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika Santwarju ta' Marija Bambina vol.3.
Kitbiet ta' diversi artikli dwar l-Istorja ta' Malta.

**VIRGO**
**Iron & Aluminium Works**
*Prop. Neville Camilleri*
**Prezzijiet moderati u xogħol ta' kwalità**
76, Triq Santa Liena, Cospicua - Tel: 2169 4516 • Mob: 9947 7265

**Suez Canal Bar**
**106, Triq San Pawl, Cospicua**
**Tel: 2182 8280**
***(Fit-Triq għad-Daħla ta' l-Isla)***

